# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta 31 ta' Ottubru, 2023**

**Kawza Numru: 9**

**Rikors Guramentat Numru:- 267/2016JVC**

Josephine sive Joyce Dimech K.I. 379262(M)

vs

Pasqualino sive Lino Chircop K.I. 352865(M)

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Josephine sive Joyce Dimech li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi l-attrici u l-konvenut huma wlied tad-defunta Cetta Chircop detentrici tal-karta tal-identita' 0653336(M) li mietet nhar it-13 ta' Novembru 2015, kopja tac-certifikat tal-mewt hawn anness **Dok FG1**.

2. Illi l-eredita' taghha hija regolata permezz ta' zewg testmenti unica charta in atti Nutar Mary Grech Pace tat-12 ta' Mejju 1999 u in atti Nutar Pierre Falzon tat-13 ta' Frar 2015, kopja tal-istralci tal-istess huma hawn annessi **Dok FG2** u **Dok FG3** kif ukoll kopja tar-ricerki testamentarji tal-mejta Cetta Chircop huma annessi **Dok FG4** u **Dok FG5**.

3. Illi skont l-istess testmenti, il-kontendenti gew nominati eredi universali tal-istess decujus.

4. Illi r-rikorrenti tixtieq li ssir id-divizjoni tal-eredita' tal-mejta Cetta Chircop.

5. Illi jirrizulta li l-intimat Pasqualino sive Lino Chircop qieghed jappropja ghalih flejjes u qieghed jaghmel uzu minn proprjeta' formanti parti mill-istess eredita'.

6. Illi z-zewg partijiet gew moghtija donazzjonijiet mill-istess decujus tul hajjitha liema donazzjonijiet ma gewx ezentati mill-kollazzjoni ai termini tal-istess testmenti u ghalhekk hemm lok li fl-istess ezercizzju ta' divizjoni issir kumpensazzjoni mill-intimat a favur ir-rikorrenti sabiex issir divizjoni ekwa u in konformita' mall-ligi bejn il-kontendenti.

Ghaldaqstant in vista tal-premess, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha:

1. Tiddikjara li l-kontendenti huma l-eredi universali tad-decujus ta' Cetta Chircop detentrici tal-karta tal-identita' 0653336(M) li mietet nhar it-13 ta' Novembru 2015.

2. Tillikwida, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, il-massa ereditarja tal-istess decujus Cetta Chircop.

3. Tiddividi, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, l-istess massa ereditarja f'porzjonijiet ugwali bejn il-kontendenti u taghti dawk l-ordnijiet u direttivi necessarji u opportuni sabiex titwettaq tali divizjoni.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata u l-kontro-talba ta' Pasqualino Chircop li taqra kif isegwi:

'1. Preliminarjament, il-karenza ta' interess guridiku tal-attrici fit-talbiet proposti minnha billi l-attrici giet dizeredata ghal ragunijiet serji validi fil-ligi bit-testment principali ta' ommha Cetta Chircop pubblikat min-Nutar Mary Grech Pace fit-12 ta' Mejju 1999; filwaqt li t-testment modifikattiv tal-istess Cetta Chircop pubblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar 2015 huwa null u ma jiswiex, kif jinsab spjegat ahjar fit-talbiet rikonvenzjonali tal-eccepjent.

2. Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-intempestivita' tal-azzjoni attrici in kwantu diretta biex l-attrici tottjeni dikjarazzjoni gudizzjarja li l-eccepjent ghadu

jrid jikkunsidra jekk jaccetta il-wirt tal-istess ommu jew jirrinunzjax ghalih, wara li din il-Qorti tiddeciedi dwar it-talba rikonvenzjonali tieghu.

3. Fil-mertu u f'kull kaz, in kwantu diretta biex tottjeni dikjarazzjoni li hija eredi ta' ommha Cetta Chircop, l-ewwel talba attrici hija minghajr fondament legali u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, billi hija giet dizeredata mill-istess ommha ghal ragunijiet serji hafna stipulati fil-ligi bit-testment principali taghha pubblikat min-Nutar Mary Grech Pace fit-12 ta' Mejju 1999, liema dizeredazzjoni dahlet fis-sehh mal-mewt tal-istess Cetta Chircop stante li s-successjoni taghha hija regolata biss bl-imsemmi testment.

4. Konsegwentement u f'kull kaz, anke l-bqija tat-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi l-esponent eccepjent qed jipprevalixxi ruhu minn din il-kawza u in linea ta' rikonvenzjoni jaghmel kontro-talba u ghalhekk jippremetti u bil-gurament tieghu jiddikjara li jaf personalment:

Illi l-eccepjent konvenut u l-attrici rikonvenzjonata huma ahwa, ulied Victor Chircop u l-mejta Cetta Chircop nee Xuereb.

Illi Cetta Chircop mietet fit-13 ta' Novembru 2015; u mir-ricerki testamentarji taghha jidher li kienet ghamlet b'kollox tliet testmenti *unica charta*, tnejn fl-atti tan-Nutar Mary Grech Pace tal-

15 ta' Mejju 1995 u tat-12 ta' Mejju 1999, u l-iehor fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tat-13 ta' Frar 2015.

Illi bit-testment taghha tat-12 ta' Mejju 1999, Cetta Chircop hassret it-testmenti precedenti taghha, halliet b'titolu ta' legat favur zewgha l-uzufrutt generali ta' gidha, ezentat lill-eccepjent mill-obbligu li jikkonferixxi fil-qasma tal-wirt dak kollu soggett ghall-kollazzjoni u l-imputazzjoni, u nnominat lill-eccepjent wahdu bhala eredi universali taghha, filwaqt li ddizereditat lill-attrici rikonvenzjonata u lil uliedha fit-termini tal-art. 622 u 623 tal-Kodici Civili.

Illi bit-testment taghha tat-13 ta' Frar 2015, Cetta Chircop innominat b'werrieta taghha lill-eccepjenti u lill-attrici rikonvenzjonata, obbligathom jikkonferixxu lura fil-massa ereditarja dak soggett ghall-kollazzjoni, u ddikjarat ukoll li s-self li hi u zewgha kienu hadu minghand l-eccepjent kien saldat u li l-artijiet li nxtraw f'Haz-Zebbug filfatt kienu jappartjenu lilha u lil zewgha.

Illi l-imsemmi testment ta' Cetta Chircop pubblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar 2015 huwa null ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi, minhabba li fost ohrajn ma jidhirx li gie pubblikat fil-prezenza ta' zewg xhieda, u f'kull kaz huwa nieqes minn htigijiet rikjesti bil-ligi ghall-validita' tieghu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tirrizulta mehtiega, l-esponent jitlob bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha tiddikjara u tiddeciedi li t-testment ta' Cetta Chircop pubblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar 2015

huwa nieqes minn htigijiet essenzjali mehtiega ghall-validita' tieghu, u konsegwentement null u ma jiswiex.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li tibqa′ ingunta minn issa ghas-subizzjoni.′.

Rat ir-risposta guramentata ghal-kontro-talba ta′ Josephine sive Joyce Dimech li taqra kif isegwi:

1. ′Illi preliminarjament l-azzjoni rikonvenzjonali mressqa minn Pasqualino sive Lino Chircop hija nulla in kwantu r-risposta tieghu ghar-rikors guramentat mressqa mill-esponenti hija nulla ghaliex ma tissodisfax ir-rekwiziti ad validitatem stipulati mill-Kap. 12 tal-Ligijiet ta′ Malta u per konsegwenza ghandu jigi dikjarat fi stat ta′ kontumacja u quindi l-azzjoni rikonvenzjonali tieghu hija nulla in kwantu l-ezistenza u s-sussistenza taghha tiddependi necessarjament fuq il-fatt li jkun ipprezentat att validu sabiex jilqa ghat-talbiet imressqa fil-konfront tieghu fir-rikors guramentat promotur;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni rikonvenzjonali ta′ Pasqualino sive Lino Chircop hija intempestiva u fi kwalsiasi kaz l-istess Paqualino sive Lino Chircop m′ghandux l-interess guridiku necessarju sabiex jippromovi tali azzjoni u dan fid-dawl tat-tieni eccezzjoni mqajjma mill-istess Pasqualino sive Lino Chircop fir-risposta guramentata tieghu ta′ l-4 ta′ Mejju 2016 ghar-rikors guramentat promotur;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba rikonvenzjonali ta′ Pasqualino sive Lino Chircop hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li din it-talba hija minghajr fundament guridiku u

fattwali u intiza biss biex tilqa ghat-talbiet tal-esponenti fir-rikors guramentat promotur;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-testment ippublikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar 2015 huwa validu fil-ligi kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-intimat Pasqualino sive Lino Chircop fl-azzjoni rikonvenzjonali tieghu jiddikjara *"Illi I-imsemmi testment ta' Cetta Chircop pubblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar 2015 huwa null ghal finijiet u l-effetti kollha tal-ligi, minhabba li fost l-ohrajn ma jidhirx li gie pubblikat fil-prezenza ta' zewg xhieda, u f'kull kaz huwa nieqes minn htigijiet rikjesti bil-ligi ghall-validita' tieghu."* minghajr ma jindika jew jaghti hjiel ta' x'inhuma l-htigijiet rikjesti bil-ligi ghall-validita' tieghu li huma mankanti fit-testment minnu ndikat. Ghalhekk fl-ewwel lok l-intimat Pasqualino sive Lino Chircop ghandu jiddikjara b'mod immedjat x'inhuma dawn il-htigijiet rikjesti bil-ligi u li huma mankanti u fit-tieni lok l-esponenti qieghda tirriserva d-dritt li tressaq eccezzjonijiet ulterjuri wara li l-intimat jaghmel tali dikjarazzjoni.

   Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'.

Rat l-affidavits, xhieda, certifikat tal-mewt, stralc ta' testmenti, ricerki testamentarji, testmenti, okkorrenzi, certifikati medici, ritratti, statements bankarji, kopja tal-ktieb tal-bank, cd b'recording fih, notamenti ta' Dr Joseph Spiteri, kuntratti, kopji ta' certifikati ta' titolu, rapporti, kopji ta' karti tal-identita', fedina penali, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-28 ta' Gunju, 2016 Dr Franco Galea b'referenza ghall-ewwel (1) eccezzjoni preliminari ghall-kontro-talba mressqa minn Pasqualino sive Lino Chircop jiccara li huwa qed jaghmel referenza ghall-mankanza ta' dikjarazzjoni guramentata flimkien mar-risposta guramentata tal-istess intimat Chircop u f'dan is-sens jaghmel referenza ghas-sentenza ta' din l-Onor. Qorti kif presjeduta fl-ismijiet "Philip Camilleri et -vs- Mary Rose Attard". Il-Qorti ddikjarat li wara li talbet lil Dr Galea jiccara l-posizzjoni tieghu, tifhem li n-nullita eccepita hija dwar ir-risposta guramentata, u li konsegwentement twassal ghan-nullita tal-kontro-talba. Rat li Dr Pawlu Lia fir-rigward iddikjara li fir-risposta guramentata hemm referenza ma' kull eccezzjoni u hemm spjegati l-fatti li jissustanzjawha, u li fl-istess eccezzjonijiet hemm referenza esplicita ghall-fatti "kif jinsab spjegat ahjar fit-talbiet rikonvenzjonali tal-eccipjenti", u inoltre fit-talbiet rikonvenzjonali hemm dettaljat hafna l-fatti li fuqhom l-eccipjenti qed jibbaza kemm l-eccezzjonijiet u kemm il-kontro-talba tieghu u rat li Dr Galea talab zmien sabiex jirregola ruhhu dwar dak trattat u nfatti fil-verbal tal-14 ta' Lulju, 2016 Dr Franco Galea rtira l-ewwel eccezzjoni ghall-kontro-talba;

Rat illi fil-verbal tal-10 ta' Novembru, 2016 id-difensuri tal-partijiet qablu li l-provi li jingabru f'din il-kawza jghoddu wkoll ghal kawza cit nru: 867/2016;

Rat illi fil-verbal tat-12 ta' Ottubru, 2017 id-difensuri tal-partijiet qablu li ghandhom jigu allegati l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni u zewg (2) mandati ta' sekwestru fl-istess ismijiet, li s-sekwestri gew revokati minn din il-Qorti stess, kif ukoll l-atti tar-revoka;

Rat illi fil-verbal tas-16 ta' April, 2019 il-kawza baqghet differita ghas-sentenza fuq il-kontro-talba tal-intimat u rat is-sentenza ta' l-

ewwel Qorti moghtija nhar is-27 ta' Gunju, 2019 a fol. 250 et seq tal-process fejn permezz taghha l-Ewwel Qorti ddecidiet billi filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-attrici rikonvenzjonata ghall-Kontro-talba ghar-ragunijiet spjegati, laqghet it-talba tal-intimat rikonvenzjonat u ddikjarat li t-testment ta' Cetta Chircop ippublikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar, 2015 huwa nieqes minn htigijiet essenzjali mehtiega ghall-validita' tieghu u konsegwentement huwa null u ma jiswiex.

Rat illi s-sentenza tas-27 ta' Gunju, 2019 giet appellata mir-rikorrenti Josephine sive Joyce Dimech u nghatat decizjoni mill-Qorti tal-Appell nhar is-6 ta' Ottubru, 2020 a fol. 41 et seq tal-process tal-Appell allegat mal-kawza odjerna fejn permezz taghha l-Qorti tal-Appell cahad l-appell u kkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti. Peress li l-Qorti tal-Appell qies l-appell fieragh ikkundannat lill-attrici thallas lill-konvenut l-ispejjez ghal darbtejn (Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

Rat illi fil-verbal tal-20 ta' Jannar, 2021 Dr Franco Galea ghall-attrici kkontenda li gjaladarba t-testment maghmul min-Nutar Pierre Falzon gie dikjarat null il-kawza trid timxi fuq il-binarju tat-testment precedenti li fih l-attrici giet dizereditata. Id-dizereditazzjoni skont il-Ligi dejjem trid tkun ippruvata minn min jallegaha u ghalhekk jinkombi lil konvenut li jressaq il-provi dwar l-istess. Inoltre t-talbiet tal-attrici m'humiex marbutin ma' testment partikolari izda l-ewwel talba hija talba ghal dikjarazzjoni li z-zewg kontendenti huma eredi tal-genituri taghha, rat ukoll illi Dr Pawlu Lia ghall-konvenut ghamel referenza ghall-azzjoni promossa mill-attrici fejn premettiet illi hija eredi bis-sahha ta' testment pubbliku min-Nutar Pierre Falzon tat-13 ta' Novembru, 2015 u talbet li din il-Qorti tiddikjaraha eredi u b'konsegwenza tillikwida l-assi ereditarji tal-genituri u taghtiha sehemha qua

eredi. Illi t-testment imsemmi tat-13 ta' Novembru, 2015 gie dikjarat mill-Qorti tal-Appell li sar b'qerq u konsegwentement huwa null. Jibqa ghalhekk ghall-attrici li fl-ewwel lok u qabel kull kunsiderazzjoni ohra turi li ghandha bazi ghal premessi taghha u li ghadhom relevanti fid-dawl ta' dawk il-premessi t-talbiet maghmula minnha. It-termini tal-kawza stabbilithom l-attrici stess u hi ghalhekk trid turi li ghad baqalha interess fit-termini kif proposti minnha u rat li l-Qorti ddekretat li stante li r-rikors guramentata huwa bbazat fuq zewg testmenti mhux wiehed u stante wkoll li l-Ligi tirrikjedi li min jallega d-dizereditazzjoni jrid iressaq prova taghha, u stante li appuntu fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-intimat qed jeccepixxi l-istess, il-Qorti f'dan l-istadju qed tordna l-inverzjoni tal-provi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimat. Konsegwentement il-Qorti rriservat li taghti wkoll ordni jekk ikun il-kaz dwar it-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimat;

Rat illi fil-verbal tat-23 ta' Gunju, 2021 il-Qorti rrilevat li sas-sena 2010 hija kienet avukat fl-ufficju tal-Avukat Michael Sciriha li kien l-avukat ta' Carmelo Dimech izda sa fejn taf hi qatt ma rrapprezentatu fil-proceduri msemmija fil-kawza odjerna u rat li l-avukati tal-intimat iddikjaraw li ma jsibux oggezzjoni li l-Qorti kif preseduta tkompli tisma' l-kawzi;

Rat illi fil-verbal tat-28 ta' Gunju, 2023 id-difensuri tal-partijiet ghamlu trattazzjoni orali liema trattazzjoni giet traskritta u tinsab fl-atti a fol. 389 et seq tal-process u fl-istess seduta l-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi minn harsa lejn ir-rikors promotur jirrizulta li l-kawza odjerna hija l-*actio familiae erciscundae* fejn ir-rikorrenti Josephine sive Joyce Dimech qieghda titlob il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-massa ereditarja tal-mejta ommha Cetta Chircop li giet nieqsa nhar it-13 ta' Novembru, 2015 (fol. 4). Ir-rikorrenti tippremetti li l-eredita' tal-mejta ommha hija regolata permezz ta' zewg testmenti *unica charta* wiehed datat 12 ta' Mejju, 1999 fl-atti tan-Nutar Mary Grech Pace (fol. 5) u l-iehor datat 13 ta' Frar, 2015 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon (fol. 8). Ir-rikorrenti Dimech issostni li z-zewg partijiet gew nominati eredi universali ta' ommhom Cetta Chircop u ghalhekk tixtieq id-divizjoni tal-eredita' taghha.

Illi l-intimat preliminarjament eccepixxa l-karenza ta' interess guridiku tar-rikorrenti fit-talbiet proposti minnha billi hija giet dizereditata ghal ragunijiet serji validi fil-ligi bit-testment principali ta' ommha Cetta Chircop publikat fl-atti tan-Nutar Mary Grech Pace. Izid li t-testment modifikattiv tal-istess Cetta Chircop fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon datat 13 ta' Frar, 2015 huwa null u ma jiswiex. Fit-tieni lok l-intimat eccepixxa preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-intempestivita' tal-azzjoni attrici in kwantu diretta biex l-attrici tottjeni dikjarazzjoni gudizzjarja li l-intimat huwa eredi ta' ommu Cetta Chircop, billi huwa ghadu jrid jikkunsidra jekk jaccettax l-wirt tal-istess ommu jew jirrinunzjax ghalih, wara li din il-Qorti tiddeciedi dwar it-talba rikonvenzjonali tieghu. Imbaghad fil-mertu eccepixxa li in kwantu diretta sabiex tottjeni dikjarazzjoni li hija eredi ta' ommha Cetta Chircop l-ewwel talba attrici hija minghajr fundament legali u ghandha tigi michuda bl-ispejjez billi hija giet dizereditata mill-istess ommha ghal ragunijiet serji hafna stipulati fil-ligi bit-testment principali taghha pubblikat min-Nutar Mary Grech Pace fit-12 ta' Mejju, 1999 liema dizereditazzjoni

dahlet fis-sehh mal-mewt tal-istess Cetta Chircop stante li s-successjoni taghha hija regolata biss bl-imsemmi testment. Finalment eccepixxa li f'kull kaz anke l-bqija tat-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Illi l-intimat Chircop ipproceda wkoll bl-intavolar ta' kontro-talba fejn sostna li t-testment ta' ommu Cetta Chircop datat 13 ta' Frar, 2015 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon huwa null ghall-finijiet u effetti tal-ligi, minhabba, li fost ohrajn, ma jidhirx li gie ppubblikat fil-prezenza ta' zewg xhieda u huwa nieqes mill-htigijiet rikjesti bil-ligi ghall-validita' tieghu.

Illi b'decizjoni preliminari tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 27 ta' Gunju, 2019 (fol. 251), dwar it-talbiet rikonvenzjonali maghmula mill-intimat, il-Qorti kif diversament preseduta ddecidiet billi filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-attrici rikonvenzjonata ghall-Kontro-talba ghar-ragunijiet spjegati, laqghet it-talba tal-intimat rikonvenzjonant u ddikjarat u ddecidiet li t-testment ta' Cetta Chircop ippublikat fit-13 ta' Frar, 2015 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon huwa nieqes minn htigijiet essenzjali mehtiega ghall-validita' tieghu u konsegwentement huwa null u ma jiswiex. Din id-decizjoni giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020 (a fol. 41 tal-process tal-Qorti tal-Appell).

Illi fid-dawl tad-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, kkonfermata fl-Appell, stante li l-ahhar testment ta' Cetta Chircop gie dikjarat null, it-testment applikabbli fic-cirkostanzi huwa dak tat-12 ta' Mejju, 1999 fl-atti tan-Nutar Mary Grech Pace (fol. 92). Illi fl-imsemmi testment tat-12 ta' Mejju, 1999 it-testatrici Cetta Chircop, fis-seba' artikolu, ddizereditat lil bintha Josephine sive

Joyce Dimech u lill-uliedha u dan ai termini tal-Artikoli 623 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn iddikjarat illi bintha flimkien ma' wliedha pubblikament sawtu lit-testatrici u ta' dan l-agir instabu hatja mill-Qorti tal-Magistrati. Dan apparti atti ohra ta' mohqrija u dizrispett *di fronte* ghat-testatrici fl-imghoddi:

' Is-Seba Artikolu.
It-testaturi jiddikjaraw illi huma qedin jiddizeredetaw lil binthom Josephine maghrufa bhala Joyce Dimech mart Carmelo Dimech u lill-uliedha u ai termini tal-Artikoli sitt mija u tnejn u ghoxrin (622) u sitt mija u tlieta u ghoxrin (623) tal-Kodici Civili , Kapitolu Sittax tal-Ligijiet ta' Malta, it-testaturi jiddikjaraw illi l-imsemmija binthom Josephine maghrufa bhala Joyce Dimech flimkien mal-erba uliedha u zewgha pubblikament sawtu lit-testaturi u ta' dana l-agir nstabu hatja hekk kif jidher mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati li kopji taghhom qed jigu hawn annessi ma' dan it-testment bhala Dokumenti markati b'ittra "A", "B", "C" u "D".'.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**<u>L-ewwel eccezzjoni preliminari – nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrenti fit-talbiet proposti:</u>**

Illi l-intimat Pasqualino sive Lino Chircop bhala l-ewwel eccezzjoni preliminari eccepixxa l-karenza ta' interess guridiku tar-rikorrenti fit-talbiet proposti minnha billi hija giet dizereditata ghal ragunijiet serji validi fil-ligi bit-testment principali ta' ommha Cetta Chircop fl-atti tan-Nutar Mary Grech Pace tat-12 ta' Mejju, 1999. L-intimat kompla jeccepixxi li t-testment modikattiv tal-istess Cetta Chircop tat-13 ta' Frar, 2015 atti Nutar Pierre Falzon

huwa null u ma jiswiex, kif spjegat fit-talbiet rikonvenzjonali tal-eccepjenti.

Illi t-talbiet proposti mir-rikorrenti fir-rikors promotur bazikament huma tlieta li jitrattaw (i) dikjarazzjoni li l-partijiet f'din il-kawza huma eredi universali tal-mejta Cetta Chircop, (ii) likwidazzjoni tal-massa ereditarja tal-istess Cetta Chircop, u, finalment (iii) divizjoni tal-istess massa ereditarja ta' Cetta Chircop f'porzjonijiet ugwali bejn il-kontendenti.

Illi l-Qorti tinnota li inizjalment ir-rikorrenti Josephine sive Joyce Dimech kellha l-interess guridiku necessarju fit-talbiet proposti minnha, billi l-wirt u successjoni tal-mejta ommha Cetta Chircop kien regolat bit-testment tat-13 ta' Frar, 2015 atti Nutar Pierre Falzon. Fl-imsemmi testment ir-rikorrenti u l-intimat kienu nominati bhala werrieta. Madanakollu l-affarijiet inbidlu bid-dikjarazzjoni ta' nullita' tal-imsemmi testment tat-13 ta' Frar, 2015 atti Nutar Pierre Falzon bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Gunju, 2019 (fol. 251) ikkonfermata fl-Appell, fejn ir-rikorrenti ma baqghetx aktar eredi stante li fit-testment precedenti ta' Cetta Chircop tat-12 ta' Mejju, 1999 atti Nutar Mary Grech Pace hija giet diseredata.

Illi kif gie ritenut mill-Qrati taghna, '…illi presuppost specifiku tal-azzjoni gudizzjarja – "actio nata" – hu l-interess guridiku. Dan ghaliex, kif maghruf u accetttat pacifikament, ma jistax jinghad li tezisti azzjoni minghajr interess. "Il mezzo di tutelare un diritto leso o immediatamente minacciato non puo' essere eservitata senza un interesse, essendo assiomatico che l'interesse è la misura delle azioni ed è il motivo che giustifica l'accesso alle aule di giustizia" – "**Negte Edgardo Moore –vs- Onor. Joseph Huber**", Appell Civili, 25.05.1923 (**Kollez. Vol XXV.i.506**).

Gie, imbaghad, ulterjorment spjegat illi dak li jirrigwarda l-element ta' l-attwalita` tal-interess "mhuwiex bizzejjed li l-interess ikun jezisti fil-mument tal-bidu tal-kawza imma jrid ukoll jibqa' jissussisti sa l-ahhar taghha" – "**Terence Edward Crossey –vs- Mario Blackman**", Prim'Awla, Qorti Civili, 25 ta' Mejju 1965 (**Vol XLIX pII p924**), konfermata in sede appell fil-11 ta' Frar 1966 (Vol L pI p45). Fl-istess sens id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tas-17 ta' Frar 1993 in re:- "**Joseph Sammut et noe –vs- Carmelo Attard**".

Evidentement dan il-kuncett hu msejjes fuq ir-ragonament illi gjaladarba d-domanda proposta f'gudizzju trid iggib lill-attur "rizultament vantagguz jew utili" (**Kollez Vol XXXVII pI p56**) hu jenhtieglu li jmantni din id-domanda mill-bidu tal-iter tal-kawza sa l-ezitu taghha b'mod li jintwera minnu li l-interess jibqa' jissussisti matul id-durata shiha ta' l-azzjoni u mhux fil-bidu biss taghha. Li jfisser illi jekk l-azzjoni ma tkunx kapaci twassal ghal tali rizultat utli ghal min jipproponiha minhabba fatt sopravvenut ghall-istituzzjoni tal-kawza li jezawrixxi jew jestingwi l-interess dik l-azzjoni ma tistax tregi.'[1].

Illi fil-kaz odjern id-dikjarazzjoni tan-nullita' tat-testment tat-13 ta' Frar, 2015 atti Nutar Pierre Falzon bid-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell, biddlet it-termini tal-vertenza billi issa l-kawza m'ghadiex wahda ta' divizjoni tal-eredita' ta' Cetta Chircop pero' kontestazzjoni tad-dizeredazzjoni u konsegwenti hlas tas-sehem riservat. Kif ritenut diversi drabi, l-Imhallef civili, ghandu, fl-ghoti tas-sentenza f'kawza, joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwistjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-ohra ma jistax

---

[1] Ara decizjoni fl-ismijiet **Veronique u Charmaine ahwa Amato Gauci -vs- Marco u Anna konjugi Zammit** tad-19 ta' Mejju, 2004 deciza mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri).

jitratta u jirrisolvi kwistjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, ammenokke non si tratta minn kwistjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat jirrileva "ex officio".[2]

Illi fic-cirkustanzi l-Qorti hija tenuta toqghod fit-termini tal-vertenza u b'mod partikolari fit-termini ta' dak mitlub fir-rikors promotur ghalhekk tqis li hija prekluza milli tiddeciedi l-azzjoni odjerna. Dan kuntrarjament ghal kif tittenta targumenta r-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha. Il-Qorti ma tistax tipprocedi billi huwa car li l-interess guridiku tar-rikorrenti fit-talbiet kif promossi ma baqghax jissussisti malli nghatat id-decizjoni tan-nullita tat-testment. Jsegwi li l-azzjoni odjerna kif dedotta mill-istess attrici ma tistax tregi.

Gialadarba l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat li r-rikorrenti m'ghandiex interess fit-talbiet kif promossi, l-Qorti f'dan l-istadju m'ghandiex ghalfejn tinoltra ruhha oltre fl-eccezzjonijiet l-ohra.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Pasqualino sive Lino Chircop stante li rrizulta l-karenza ta' interess guridiku tar-rikorrenti fit-talbiet kif promossi minnha ghar-ragunijiet spjegati u bhala konsegwenza tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti. Il-kwistjoni tal-validita' o meno tad-diseredazzjoni tar-rikorrenti tibqa' mpregudikata bejn il-partijiet.

---

[2] Ara decizjonijiet fl-ismijiet **Joseph Gatt -vs- Joseph Galea** tat-12 ta' Lulju, 1965 deciza mill-Qorti tal-Appell u **Regina mart Francis Cacciottolo -vs- Francis Cacciottolo** tat-30 ta' Gunju, 1976 deciza mill-Qorti tal-Appell.

Bl-ispejjez kollha nterament a karigu tar-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**31 ta' Ottubru, 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Ottubru, 2023**